REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 794/2012

tal-5 ta' Settembru 2012

dwar miżuri tranżitorji li jirrigwardaw il-lista ta' ħwawar u materjali mis-sors stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 25(3) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 jistipula t-tip ta' aromatizzanti u materjali mis-sors li għalihom huma meħtieġa evalwazzjoni u approvazzjoni.

(2) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 jipprovdi li, mill-aromatizzanti u l-materjali mis-sors imsemmija fl-Artikolu 9, dawk biss li huma inklużi fil-lista tal-Unjoni jistgħu jitqiegħdu fis-suq bħala tali u jiġu użati fl-ikel jew fuq l-ikel skont il-kondizzjonijiet tal-użu speċifikati hemmhekk, fejn applikabbli.

(3) L-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 jispeċifika li l-Artikolu 10 għandu japplika minn 18-il xahar wara d-data ta' applikazzjoni tal-lista tal-Unjoni.

(4) Għalhekk huwa xieraq li dik id-data ta' applikazzjoni tal-lista tal-Unjoni tiġi ffissata għall-finijiet tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008.

(5) Bħala l-ewwel pass ġiet stabbilita lista tal-Unjoni ta' sustanzi aromatizzanti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 793/2012 [2] bl-introduzzjoni tal-lista tas-sustanzi aromatizzanti msemmija fir-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 u bl-iffissar tad-dati ta' applikazzjoni ta' dik il-lista.

(6) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 sustanzi aromatizzanti mhux inklużi fil-lista tal-Unjoni jistgħu jitqiegħdu fis-suq bħala tali u jiġu użati fl-ikel jew fuq l-ikel sa 18-il xahar wara d-data ta' applikazzjoni tal-lista tal-Unjoni. Billi s-sustanzi aromatizzanti huma diġà fis-suq fl-Istati Membri, għandu jkun hemm dispożizzjoni biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni għal proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni ssir bla tfixkil. Biex tiżdied iċ-ċertezza legali, perjodu tranżitorju għandu jingħata wkoll għall-ikel li fih dawk is-sustanzi aromatizzanti.

(7) Bħala t-tieni pass, għandhom jiġu evalwati l-aromatizzanti u l-materjali ta' sors imsemmija fl-Artikolu 9(b) sa (f). Il-partijiet interessati għandhom iressqu l-applikazzjonijiet għall-aġġornament tal-lista tal-Unjoni billi jżidu sustanza mal-lista skont ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] u għandhom isegwu r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 234/2011 tal-10 ta' Marzu 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel [5] skont id-dejta meħtieġa u skont il-kontenut, l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-aromatizzanti u tal-materjali mis-sors elenkati fl-Artikolu 9(b) sa (f) tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008.

(8) Skont l-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008, sabiex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali u ma jkunx hemm diskriminazzjoni, huwa xieraq li jiġu adottati miżuri tranżitorji biex jingħata żmien għall-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' dawk l-aromatizzanti u l-materjali mis-sors.

(9) Id-data ta' applikazzjoni tal-Partijiet B sa F tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 dwar aromatizzanti u materjali mis-sors elenkati fl-Artikolu 9(b) sa (f) ta' dak ir-Regolament, għandha tkun posposta biex jitħalla żmien għall-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' dawk l-aromatizzanti u l-materjali mis-sors.

(10) Il-partijiet interessati għandhom iressqu l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet f'limitu ta' żmien mogħti fir-rigward tal-aromatizzanti u l-materjali mis-sors elenkati fl-Artikolu 9(b) sa (f) tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 li jinsabu attwalment fis-suq.

[1] ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34.
[2] Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[3] ĠU L 299, 23.11.1996, p. 1.
[4] ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.
[5] ĠU L 64, 11.3.2011, p. 15.

(11) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 aromatizzanti u materjali mis-sors elenkati fl-Artikolu 9(b) sa (f) mhux inklużi fil-lista tal-Unjoni jistgħu jitqiegħdu fis-suq bħala tali u jiġu użati fl-ikel jew fuq l-ikel sa 18-il xahar wara d-data ta' applikazzjoni tal-lista tal-Unjoni. Billi l-aromatizzanti u l-materjali mis-sors elenkati fl-Artikolu 9(b) sa (f) tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 huma diġà fis-suq fl-Istati Membri, għandu jkun hemm dispożizzjoni biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni għal proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni ssir bla tfixkil. Biex tiżdied iċ-ċertezza legali, perjodu tranżitorju għandu jingħata wkoll għall-ikel li fih dawk l-aromatizzanti u l-materjali mis-sors.

(12) L-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 jispeċifika li l-Artikoli 26 u 28 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 dwar l-emendi għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 tal-10 ta' Ġunju 1991 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' nbejjed aromatizzati, xorb ibbażat fuq inbid aromatizzat u cocktails aromatizzati magħmula mill-prodotti tal-inbid [1] u għar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż [2] għandhom japplikaw mid-data ta' applikazzjoni tal-lista tal-Unjoni. Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita d-data ta' applikazzjoni għall-iskopijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008.

(13) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUSTANZI AROMATIZZANTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 9(a) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1334/2008

Artikolu 1

Miżuri tranżitorji għal ikel li fih sustanzi aromatizzanti

Ikel li fih sustanzi aromatizzanti, li jitqiegħed fis-suq jew jiġi ttikkettat b'mod legali qabel is-27 ta' Settembru 2014 iżda li ma jikkonformax mal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 jista' jiġi kkumerċjalizzat sad-data ta' skadenza minima tiegħu jew mhux aktar tard mid-data li fiha għandu jintuża.

KAPITOLU II

AROMATIZZANTI U MATERJALI MIS-SORS IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 9(b) SA (f) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1334/2008

Artikolu 2

Data ta' applikazzjoni tal-Partijiet B sa F tal-lista tal-Unjoni ta' aromatizzanti u ta' materjali mis-sors

Għall-finijiet tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 30 b'konnessjoni mal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008, il-Partijiet B sa F tal-lista tal-Unjoni ta' aromatizzanti u ta' materjali mis-sors stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, se japplikaw mis-27 ta' Settembru 2016.

Artikolu 3

Limitu ta' żmien għas-sottomissjonijiet

Il-partijiet interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-aromatizzanti u l-materjali mis-sors imsemmija fl-Artikolu 9(b) sa (f) tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 imqiegħda fis-suq fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 mhux aktar tard mis-27 ta' Settembru 2015.

Artikolu 4

Miżura tranżitorja għal ikel li fih aromatizzanti u materjali mis-sors imsemmija fl-Artikolu 9(b) sa (f) tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008

L-ikel li fih l-aromatizzanti u l-materjali mis-sors imsemmija fl-Artikolu 9(b) sa (f) tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 imqiegħed fis-suq jew ittikkettat b'mod legali qabel is-27 ta' Marzu 2018 iżda li ma jikkonformax mal-Partijiet B sa F tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008, jista' jiġi kummerċjalizzat sad-data ta' skadenza minima tiegħu jew mhux aktar tard mid-data li fiha għandu jintuża.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 5

Emendi għar-Regolamenti (KEE) Nru 1601/91 u (KE) Nru 110/2008

Għall-għanijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008, dwar emendi għar-Regolamenti (KEE) Nru 1601/91 u (KE) Nru 110/2008, id-data tal-applikazzjoni tal-lista tal-Unjoni ta' aromatizzanti u materjali mis-sors għandha tkun is-27 ta' Marzu 2013.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 149, 14.6.1991, p. 1.
[2] ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Settembru 2012.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO